TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 45/12/GZ

**Carmen Cassar**

**vs**

**Joe Celeste**

Illum 6 ta' Gunju 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-13 ta' Frar, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' sebgha mitt Ewro (€700.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal-televixin, liema televixin kien dfettuz.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet talbet televixin gdid minghand l-intimat, u dana wara li t-televixin li kienet xtrat minghandu kien issewwa tliet (3) darbiet. Illi ghalhekk hija tixtieq li tinghata televixin gdid, jew jekk le, illi tiehu l-flus lura ghat-televixin li kienet xtrat minghand l-intimat.

**L-intimat ssottometta bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti kienet xtrat televixin tad-ditta 'Panasonic' minghandu, li jiswa sitt mija u disghin Ewro (€690.00). Wara xi zmien, ir-rikorrenti kienet qaltlu li t-televixin kien qieghed jintefa' ghal xi ftit sekondi. Ghalhekk, l-intimat cempel lill-agent u nformah b'dan l-ilment. L-agent qallu li

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

kien ser imur jarah, fejn fil-fatt l-agent kien mar jigbor it-televixin in kwistjoni u kien ta televixin iehor lir-rikorrenti sa kemm isewwi t-televixin taghha. Meta l-agent sewwa t-televixin u hadu lura ghand ir-rikorrenti, hija baqghet tghid illi kien qed jaghmel l-istess. L-agent kien informa lill-intimat illi t-televixin tar-rikorrenti ma kellu xejn hazin, pero' xorta wahda rega' hadu biex jarah. Din id-darba r-rikorrenti ma rieditux lura t-televixin, allavolja l-agent kien sa anke biddillu xi 'parts' ghal li jista' jkun.

L-intimat ezebixxa kopja ta' ittra datata 1 ta' Dicembru 2011, mibghuta minghand Antoine Vassallo (l-agent) lill-intimat.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn stqarret illi hija kienet xtrat televixin minghand l-intimat, u wara ftit taz-zmien kien beda jintefa'. Meta hija haditu ghal darba, darbtejn ghat-tiswija, kienu jghidulha li ma kellu xejn hazin u qalulha wkoll li l-hsara setghat kienet gejja mill-'motherboard'. Stqarret ukoll li l-'part' li qalulha li riedet tinbidel damet ma giet u ghalhekk kienu tawha televixin iehor biex tinqeda. Ir-rikorrenti baqghet tinsisti illi trid televixin gdid u kien ghalhekk li ma accettatx it-televixin lura u hallietu ghand l-intimat.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja ta' l-ircevuta ta' meta xtrat it-televixin, datata 5 ta' Novembru 2010 ghall-prezz ta' sebgha mitt Ewro (€700.00), li giet immarkata bhala Dok.CC1, flimkien ma' kopja tal-garanzija, datata 5 ta' Novembru 2010, li giet immarkata bhala Dok.CC2 u Dok.CC3.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat, fix-xhieda guramentata tieghu. ikkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, u zied jghid illi huwa kien sempliciment xtara t-televixin minghand l-agent, 'R.V. Electronics Ltd', u ma kellux x'jaqsam, ghaliex meta r-rikorrenti kienet tilmenta, huwa dejjem kien jiehu t-televixin in kwistjoni lura ghand l-agent bil-problema li kienet tghidlu biha r-rikorrenti.

Iktar tard deher Anthony Vassallo, bhala t-tekniku ta' 'Edlens Hi-Fi and Appliances', li jinsab gewwa l-Iklin, u bil-guramenta huwa xehed illi kien hadem fuq it-televixin in kwistjoni. Spjega illi kien ha t-televixin ghand 'R.V. Electronics' ta' Water Gate Building, Triq Victor Denaro, Msida, pero' ma kienu sab l-ebda difett fih. Stqarr illi madanakollu kienu biddlu l-'parts' minghajr ma qatt talbu ebda hlas mir-rikorrenti. Kompla jistqarr illi x-xoghol kollu kien ghamlu bil-*buona volonta* tieghu u ghalhekk minghajr ma qatt talab hlas.

Anthony Vassallo ezebixxa kopja ta' l-ircevuta ghall-ammont ta' erbgha mija sitta u sebghin Ewro u centezmu (€476.01), rapprezentanti l-prezz tal-'parts' li tbiddlu minghajr talba ghall-hlas mir-rikorrenti, li giet immarkata bhala Dok.AV1, flimkien ma' ittra ddatata 1 ta' Dicembru 2011 mibghuta minghand Ray Chetcuti ('R.V. Electronics Ltd') li giet immarkata bhala Dok.AV2.

It-Tribunal, a bazi ta' l-osservazzjoni tieghu stess ta' l-attitudni assoluta tar-rikorrenti rigwardanti r-rifjut taghha li taccetta lura t-televixin, allavolja l-imsemmi televixin issewwa a spejjez ta' l-intimat, issuggerixxa illi jidddiferixxi l-kawza ghall-iskop uniku illi fiz-zmien moghti tad-differiment, ir-rikorrenti tiehu lura t-televixin u tikkonvinci ruhha illi issa qieghed jahdem sew, pero' hija rrifjutat u baqghat tinsisti illi riedet televixin gdid.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parte ta' l-intimat, liema intimat piuttost ta servizz mill-aqwa lir-rikorrenti, qed jichad it-talba tar-rikorrenti, u ghalhekk qed jordna lill-intimat jassenja lura t-televixin lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**